



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' April 2023
(OR. en)

8561/23

FIN 458
INST 131

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni konġunta dwar id-dati għall-proċedura baġitarja u l-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2023

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Dati għall-proċedura baġitarja u modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta'

Konċiljazzjoni fl-2023

- A. F'konformità mal-Parti A tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar id-dati ewlenin li ġejjin għall-proċedura baġitarja tal-2024:
1. Il-Kummissjoni ser tagħmel hilita biex tippreżenta d-Dikjarazzjoni tal-Estimati għall-2024 sal-bidu ta' Ġunju;
 2. Ser jissejjaħ trilogu fit-18 ta' Lulju (filgħodu), wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Il-Kunsill ser jagħmel ħiltu biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u jgħaddiha lill-Parlament Ewropew sa tmiem is-36 ġimgħa, sabiex jiġi ffaċilitat ftehim f'waqtu mal-Parlament Ewropew;
 4. Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew ser jagħmel ħiltu biex jivvota dwar l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill sa tmiem l-40 ġimgħa (l-ewwel ġimgħa ta' Ottubru);
 5. Ser jissejjaħ trilogu fit-12 ta' Ottubru (filgħodu), qabel il-qari tal-Parlament Ewropew;

6. Il-Plenarja tal-Parlament Ewropew ser tivvota dwar il-qari tagħha fit-42 ġimgħa (Sessjoni plenarja tas-16-19 ta' Ottubru);
 7. Il-perjodu ta' Konċiljazzjoni ser jibda fl-24 ta' Ottubru. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314(4)(c) TFUE, iż-żmien disponibbli għall-konċiljazzjoni ser jiskadi fit-13 ta' Novembru 2023;
 8. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jiltaqa' fis-26 ta' Ottubru (filgħodu), ospitat mill-Parlament Ewropew, u fl-10 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill (u jista' jitkompla kif xieraq); is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jitħejjew permezz ta' trilogu/i. Huwa skedat trilogu fis-26 ta' Ottubru (filgħodu). Jista' jissejjaħ trilogu/i addizzjonali matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum, inkluż fid-9 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill.
- B. Il-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jinsabu fil-Parti E tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali msemmi hawn fuq.
-